**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kylie Borg]**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 530/2021**

**Illum, 11 ta' Novembru, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis- bil-karta tal-identità numru -Omissis- akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzjoni wahda, bejn ix-xhur ta' Mejju 2016 u Settembru 2016, gewwa -Omissis-:**

1. **Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma persuna ta' taht l-eta', u cioe' ohtu -Omissis-, meta kellha l-eta' ta' 11-il sena, liema persuna hija vulnerabbli;**

2. **U aktar talli b'ghemil zieni, ikkorrompa persuna ta' taht l-eta' ta' sess wiehed jew l-iehor u cioe' lil ohtu -Omissis-, liema delitt sar bi hsara ta' persuna li ma ghalqitx l-eta' ta' tnax-il sena.**

**Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, u dana fil-konfront ta' -Omissis- u/jew il-familjari taghha u/jew il-persuna/i li jiehdu hsiebha.**

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disgha u ghoxrin (29) ta' April, 2022 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 18, 31, 204C(1)[1], 208AC(1)(b)(d)(e)[2], 208AC(2)(a)[3], 208B[4], 202(h)(ii)[5] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 18, 203(1)(a)[6] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-Artikoli 15A, 17, 18, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

**IKKUNSIDRAT**

Illi semghet lil **-Omissis-** fejn din spjegat li dak iz-zmien tal-allegat reati hija kellha bejn hdax (11) u tnax (12) il-

[1] Qabel ma dan gie emendat permezz tal-Att XIII tal-2018 u tal-Att Nru LXIV tal-2021.
[2] Qabel ma dan gie emendat permezz tal-Att Nru LXIV tal-2021.
[3] Qabel ma dan gie emendat permezz tal-Att Nru LXIV tal-2021.
[4] Qabel ma dan gie emendat permezz tal-Att III tal-2020 u tal-Att Nru LXIV tal-2021.
[5] Qabel ma dan gie emendat permezz tal-Att XIII tal-2018 u tal-Att Nru LXIV tal-2021.
[6] Qabel ma dan gie emendat permezz tal-Att XXIII tal-2017, tal-Att Nru XIII tal-2018, tal-Att Nru III tal-2020 u tal-Att Nru LXIV tal-2021..

sena u kienet tghix ma hutha, zijuha, missierha u ommha. Tghid illi bhala ahwa dawn kienu tlettax (13) li dawn huma -Omissis-, -Omissis-, -Omissis-, -Omissis-, -Omissis-, -Omissis-, hi (-Omissis-), -Omissis-, -Omissis-, -Omissis-, -Omissis- u -Omissis-. Tghid illi huha -Omissis- huwa l-istess persuna tal-imputat peress li ghandhom l-istess missier u omm differenti.

Hija tiddeskrivi x'kienet il-gurnata tipika taghha dak iz-zmien billi wara li kienet tqum kienet tlibbes lil hutha z-zghar[7], taghmlilhom il-lunch gol-basket u kienet tohodhom l-iskola fejn imbaghad kienet terga' tmur lura d-dar tnaddaf. Tghid illi ommha ma kinitx tkun id-dar u hafna drabi kienet tigi lura filghaxija u meta kienet tkun hemm kienet tkun rieqda. A rigward missierha tghid li dan kien ikun ix-xoghol u hutha -Omissis- u -Omissis- kienu jkunu ma' zijuhom ghall--Omissis-. Hija tghid illi ghalkemm kienet suppost tmur l-iskola din kienet tevita milli jarawha l-ghalliema halli ma jsaqsuha xejn. A rigward hutha, -Omissis- kienet tkun ix-xoghol fejn din kienet carer, -Omissis- kien xufier ma' tal--Omissis- flimkien ma' -Omissis-, -Omissis- ma kinitx tghix maghhom u -Omissis- kienet tkun ghand ohthom -Omissis-.

[7] Christa, Alexis, Alessio u Kayden.

Tghid illi l-ewwel darba li tkellmet ma' xi hadd rigward dan l-allegat abbuz kien meta kienet tirrisjedi fid-dar f'-Omissis- u tkellmet ma' wahda mill-carers li jisimha Marianne u qaltilha li kienet ilha erba' (4) snin izzomm go fiha li huha -Omissis- kien imissha. Tghid illi dak li kien jigri kien li meta kien jasal -Omissis- d-dar taghhom u cioè f'xi l-hdax u nofs (11:30 am) jew nofsinhar (12:00 pm), l-ewwel haga li kien jaghmel kien li jibghat lil -Omissis- r-razzett. Meta dan kien jitlaq, tghid li -Omissis- kien isakkar il-bieb tal-appartament. Tghid illi dan kollu beda kif kien qed jibda s-sajf xi Mejju tal-elfejn u sittax (2016) u dan l-allegat abbuz dam sejjer xi sena jew ftit inqas. A rigward id-dettalji tal-abbuz hija tghid hekk:

> *"Jien kont inkun gol-kcina mal-cooker insajjar u kont insajjar u mbaghad kien jigi -Omissis- u kien isakkar il-bieb insomma u kien jigi u jitfi l-cooker hu u darba kien tellghani fuq il-mejda u l-mejda ma kienitx soda hafna u kien jaghmel l-affarijiet. Kien imissli sidri minn taht il-flokk u gieli le u kien jinza l-qalziet. . . .*
>
> *Tieghu sa rkubbtejh u kien igghel lili biex bil-Malti ngerrihulu. Jien bdejt . . .  lura ghax l-affarijiet l-ewwel darba u kien izommli jdejja biex ingerrihulu.*

*U mbaghad l-ewwel kien jibda hu u mbaghad kien igghel lili nkompli."*

Fuq domanda tal-prosekuzzjoni jekk kienx jigri xi affarijiet ohrajn din tghid:

*"Gieli, mhux gieli hawn il-parti tieghi imma mhux dejjem. . . .*

*Le minn taht. . . .*

*U gieli darba wkoll minn fuq il-hwejjeg."*

A rigward il-masturbazzjoni tghid illi -Omissis- kien jegakula fejn dan kien izommilha jdejha fuq il-parti tieghu u kienet tigi jew mal-art jew fuq il-mejda. Wara kien jew hu jew jghid lilha biex timsahha b'karta tat-toilet u kienet tmur tahsel idejha. Tghid li wara dawn l-atti hija kienet thossha mbezza' u mdejqa. Tghid illi kemm-il-darba -Omissis- kien itiha daqqiet u dan kien ghalhekk jheddidha li jtiha xebgha jekk kienet tikxfu. Tghid illi -Omissis- kien ta' spiss isawwathom lil hutu z-zghar ghal kull haga ta' xejn.

Tkompli tispjega illi -Omissis- kien messha fil-parti taghha fuq il-laham darba wahda biss. Tghid illi hija damet ma tkellmet ma' xi hadd ghaliex kienet tibza' minn huha kif spjegat aktar qabel izda meta hija marret fid-dar ta' H'Attard flimkien ma' xi hutha ohra u -Omissis- kien mar joqghod mat-tfajla tieghu u mat-tifel tieghu hija ddecidiet li titkellem. Tghid illi però -Omissis- kien baqa' jibaghtilha messaggi fuq Messenger fejn dan kien jghajjarha "qahba" u affarijiet ohra.

Xehdet ukoll **Maryanne Mifsud** li tahdem bhala support worker fi hdan l-Agenzija Appogg senjatament f'home fejn tghid illi -Omissis- nghaqdet maghhom fis-sena elfejn u tmintax (2018). Tghid illi darba minnhom li kien fis-sebgha (7) ta' Jannar elfejn wiehed u ghoxrin (2021) -Omissis- giet lura mill-iskola fejn din kienet ghadha kif temmet il-hbiberija minn ma' tifel jismu -Omissis- u bdiet tkellimha fuq hekk u qaltilha biex toqghod attenta biex ma taghmel xejn sesswali mieghu. Din f'daqqa u l-hin isserjat u qaltilha li qatt ma ghamlet xejn mieghu izda li riedet tghidilha xi haga fuq huha -Omissis- li kienet ilha zzomm f'qalbha u nfaqghet tikbi wara li rrakkontat fuq l-abbuz. Ix-xhud tghid illi wara li saret taf din l-informazzjoni hija rrakkontat kollox lil-leader tal-home fejn kienet tabita l-minuri u cioè s--Omissis- u minn hemm bdew il-proceduri. Xi haga li

spjegat ix-xhud li kienet qaltilha -Omissis- kien il-fatt illi wara li kien qed isir dan l-abbuz -Omissis- ma kinitx baqghet tibqa' wehidha d-dar ezatt qabel ma kien jigi d-dar -Omissis- u minflok kienet tohrog fil-bandli tistenna lil hutha jispiccaw mill-iskola hemmhekk.

**Keith Cutajar** u cioè l-espert nominat minn din il-Qorti sabiex jezamina c-cellulari tal-minuri -Omissis- pprezenta r-rapport relattiv li gie mmarkat bhala Dok. KC1[8].

**Bernardette Grima** li hija l-Kap tar-residenza li fiha kienet tghix -Omissis- tghid li appena saret taf bil-komunikazzjoni li tatha Maryanne Mifsud din immedjatament ghamlet sessjoni mal-minuri fil-prezenza ta' xi key workers fejn din regghet irrakkontat dak li kienet qalet precedentement rigward l-allegat abbuz u fejn din kienet ghamlet skizz tad-dar fejn hija kienet tghix mal-familja taghha[9]. Hija tikkonferma li -Omissis- kienet qaltilha li ghalkemm kien isir dan l-abbuz minn huha -Omissis- li kienet tirreferi ghalih bhala "-Omissis-", qatt ma kien hemm penetrazzjoni min-naha tieghu. Tikkonferma wkoll li kienet tghidilha li hi kienet tibza' minn huha ghaliex kien isawwatha u li mbaghad biex tevitah kienet

[8] Fol. 97 – 108.
[9] Dok. BG1 a folio 128 tal-process..

tmur kmieni tistenna lil hutha sakemm jispiccaw mill-iskola. Tikkonferma li -Omissis- kien fizikament aggressiv ma' hutha l-ohra. Hija tirrakkontalha xi avvenimenti specifici fejn -Omissis- kien isawwathom.

Semghet lill-ufficjal prosekutur u cioè **l-Ispettur Kylie Borg** fejn din spjegat l-*iter* tal-investigazzjoni u kif waslet biex tarresta lill-imputat fejn dan kien innega dak kollox li kienet allegat ohtu -Omissis- billi jghid illi din kienet ivvintat kollox ghaliex kienet tghir ghalih li hu kien irnexxa u hi baqghet go home. Hija pprezentat zewg dokumenti maghmula mill-istess minuri -Omissis- li gew immarkati bhala Dok. KB1 u KB2.[10]

**Dr Yanika Bugeja** pprezentat it-traskrizzjoni tal-istqarrija tal-imputat li giet immarkata bhala Dok. YB1.[11]

Finalment xehdet omm il-minuri -Omissis- u cioè **-Omissis-** fejn tghid illi hija kienet tahdem bhala cleaner go skola fejn il-hinijiet taghha kienu bejn is-sitta u nofs ta' filghodu (6:30 am) sat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (15:30 pm) kuljum bejn it-Tnejn u l-Gimgha. Hi tikkonferma li bintha -Omissis- kienet tiehu u ggib lil hutha mill-iskola kuljum.

[10] Folios 156 – 158.

[11] Folios 164 – 206.

Tghid illi wara li t-tfal kienu jispiccaw mill-iskola kienu jmorru r-razzett fejn ir-ragel taghha u meta hija kienet tispicca mix-xoghol kienet tmur hemm ukoll. Ikkonfermat ukoll illi xi daqqiet -Omissis- kien jibqa’ sejjer id-dar mentri -Omissis- kien imur ir-razzett wara x-xoghol. Tikkonferma li -Omissis- kien jerfa’ jdejh fuqha anke quddiem missieru kif ukoll kien jerfa’ jdejh fuq -Omissis- wkoll. Hi kienet ukoll tibza’ minnu ghaliex anke missieru kien itiha s-swat.

Rat ir-rapport tal-ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina[12] li ntalbet mid-difiza sabiex thejji Social Enquiry Report fis-seduta tal-erbgha (4) ta’ Lulju 2022 liema talba giet milqugha mill-Qorti;

Illi dan ir-rapport jiddentifika l-problemi socjali li kienet ghaddejja l-familja tal-imputat kif ukoll tal-allegat vittma fejn jinghad illi l-imputat trabba biss minn missieru u omm il-vittma u li qatt ma kellu l-ebda relazzjoni ma’ ommu naturali. Ir-rapport jghid ukoll illi l-imputat ghandu relazzjoni stabbli ma’ mara u li minnha ghandu tifel. Jinghad illi qatt ma kien hemm assessjar tal-aspett mentali u psikologiku tal-imputat u a rigward l-allegat vittma, dan l-akkadut halla impatt psikologiku qawwi fuqha.

[12] Dok. SB1 a fol 243 et seq.

## IKKUNSIDRAT

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-familja tal-imputat u l-allegat vittma kienet wahda problematika hafna hekk kif ukoll xehdet l-ufficjal tal-Probation, u ghalhekk din il-Qorti ser tanalizza kull dettall li hareg mill-atti processwali sabiex tasal ghal gudizzju taghha.

Illi l-verzjoni ta' -Omissis- baqghet wahda konsistenti u mimlija fatti u dan mill-bidu nett minn meta kellmet lis-social workers tal-*Looked After Children* sa meta giet quddiem il-Qorti. Illi di più d-difiza qatt ma rnexxielha xxejjen il-verzjoni moghtija mill-minuri anke forsi permezz ta' provi ohra cirkustanzjali jew aktar u aktar mit-testimonjanza tal-istess imputat anke jekk jibqa' l-fatt illi akkuzat ghandu dritt ghas-silenzju. Illi ghalhekk din it-testimonjanza qed tigi dikjarata attendibbli u veritjiera.

F'dan il-kuntest u fl-ambitu tal-kredibilità ta' testimonjanzi ta' minuri f'kazijiet ta' abbuzi qed jigi kkwotat artikolu mill-pjattaforma onlajn **HEINONLINE** ppubblikat fit-18 ta' Gunju 2022 li fih jigi kkwotat estensivament publikazzjonijiet ta' Albany Law Review tal-1993 fejn anke jekk fil-kaz odjern meta tat it-testimonjanza -Omissis- din kienet kibret xi ftit però xorta pertinenti ghal ezami tal-

verzjoni tal-fatti minnha maghmula tul iz-zmien li dejjem baqghu konsistenti. Illi f'dan l-artikolu ntqal is-segwenti:

> *"In the context of sexual abuse cases, evidence shows that while children are capable of experiencing sexual fantasies, those fantasies usually have some basis in an actual experience. If a child describes a sexual experience in detail, it is unlikely the child has created a fantasy: "When a 5-year-old provides a clear-cut verbal description, dramatic enactment, or pictorial representation of an erect, discharging penis, or of vaginal or anal penetration, it is unlikely that such a memory has been spontaneously invented. Children are generally not capable of simulating such an event unless they have experienced it.*
>
> *Nurcombe illustrates this concept with the account of a young boy: Demonstrating what his mother had done to him, a 7-year old boy of borderline intelligence placed the head of a female doll over the genitals of an anatomically explicit male doll, giggled conspiratorially, and made eager rhythmic movements and sounds. After placing a pencil in such a way that it protruded horizontally from the*

*crotch of a male doll, he rammed the pencil point-first into the hindparts of a female doll, representing, thus, what he alleged he saw his father to do [sic] a female cousin.*

*According to Nurcombe's theory, a child of this age is unlikely to have created this "fantasy" because the description was simply too dramatic and detailed to be within the scope of a seven year old's imagination."*

Illi ghalkemm dan il-kaz jistrieh principarjament fuq it-testimonjanza tal-minuri li kif gie ritenut aktar 'il fuq issib konfort fil-veracità taghha, din il-Qorti tqis li dak li gie spjegat mill-minuri -Omissis- huwa bizzejjed sabiex tinstab htija. Hawnhekk qed issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Omissis</u>** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 fejn inghad is-segwenti:-

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-*

*verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u liehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u lattendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina ddettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din ilvertenza, ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi l-Qorti tinnota wkoll dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** [13]:

[13] QA Kriminali - deciza fil-31 ta' Ottubru 2013.

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, "*id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix- xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac - cirkostanzi kollha tal- kaz* " u ghalhekk ghandha ssib konfort li temmen il-verzjoni tal-allegat vittma -Omissis-.

Illi finalment u ghal kompletezza qed issir referenza wkoll ghal dak li qalet il-**Corte di Cassazione Taljana** (SEZ. III

PENALE - 07 settembre 2022 N. 32865) li ssib applikazzjoni perfetta ghal kaz *de quo* u fejn id-decizjoni tal-ewwel Qorti li kkundannat lill-imputat fuq stupru u korruzzjoni ta' minorenni giet ikkonfermata u fejn din tghid is-segwenti u li tkompli ssahhah il-kaz kontra l-imputat:

*"4.2. La sentenza impugnata espone gli elementi e le ragioni fondanti il suo giudizio di attendibilità del racconto della persona offesa, sulla cui base ha ritenuto provati i fatti indicati nell'imputazione.*

*Appare utile premettere che, come analiticamente precisato nella sentenza di primo grado, secondo il racconto della persona offesa, l'imputato ha agito ripetutamente nel tempo, e, segnatamente, ha: -) toccato i genitali della minore penetrandone la vagina con le dita; -) compiuto atti di masturbazione davanti alla stessa; -) costretto la vittima a masturbarlo; -) costretto la minore a praticare sesso orale; -) posto, in almeno due occasioni, il proprio pene a contatto con la vagina della persona offesa, simulando una penetrazione.*

*La Corte d'appello, in particolare, evidenzia che la persona offesa: -) ha iniziato a raccontare delle violenze subite ai suoi compagni di classe e poi ad una insegnante, la quale aveva informato i vertici dell'istituto, a loro volta autori della denuncia ai Carabinieri; -) è stata esaminata anche nel corso delle indagini sugli episodi in esame dai Carabinieri con l'ausilio di una psicologa, e, ciononostante, non gli è stata effettuata alcuna contestazione; -) ha sempre manifestato grande difficoltà emotiva a rievocare e narrare delle violenze subite; -) ha manifestato più volte intenti autolesivi, ritenuti "di natura inequivocabilmente post-traumatica".*

*Rappresenta, poi, che le imprecisioni della persona offesa in ordine alla collocazione temporale dei fatti ed alla loro frequenza sono del tutto marginali, perchè non attengono alla ricostruzione del loro contenuto, e possono trovare spiegazione nell'età della minore, nel tempo trascorso e nella valenza traumatica degli episodi.*

*Osserva, quindi, che il racconto della vittima relativo ai movimenti compiuti dall'imputato nel toccarle i genitali e nel penetrarla non può essere frutto della sua fantasia, anche perchè non è coerente con le competenze della sua età e denota esperienza diretta, e non è incompatibile con le problematiche sessuali dell'uomo, siccome queste non gli impediscono una breve erezione.*

*Aggiunge, ancora, che le dichiarazioni accusatorie della persona offesa non possono ritenersi determinate, o, meglio, "sovraccaricate", da sentimenti di odio nei confronti dell'imputato, sia perchè questa ipotesi non ha trovato alcun riscontro, sia perchè la descrizione delle esperienze sessuali risulta altamente precisa e realistica, anche in considerazione dell'età della ragazza, sia perchè anche l'assistente sociale O. ha riferito come la minore non ha mai riferito la sua avversione nei confronti dell'uomo a cause diverse dalle violenze subite.*

*Rappresenta, infine, che: -) la mancanza di riscontri sul cellulare dell'imputato è spiegabile con la circostanza per cui questi potrebbe ben aver "ripulito" la memoria dell'apparecchio, anche perchè informato dell'andamento delle indagini prima di essere arrestato, tanto da essersi presentato spontaneamente dai Carabinieri prima della emissione della misura cautelare; -) la mancanza di annotazioni sul diario della vittima può trovare ragione nel desiderio di evitare di mettere a conoscenza dei fatti la madre.. . .*

*4.3. Le conclusioni della sentenza impugnata in ordine all'attendibilità delle dichiarazioni della persona offesa, ed alla loro idoneità a fondare il giudizio di responsabilità dell'attuale ricorrente per i fatti al medesimo contestati sono immuni da vizi.*

*Il giudizio di positiva attendibilità delle dichiarazioni della minore, infatti, è stato espresso all'esito di un'analitica disamina delle stesse e di tutti gli elementi acquisiti al processo, sulla base di*

*massime di esperienza sicuramente accettabili. Del resto, non sono emerse incompatibilità del racconto con elementi oggettivi, e l'imputato ha ammesso, sia pur solo parzialmente, di aver compiuto in più occasioni atti sessuali con la vittima, all'epoca sicuramente in tenera età e comunque infraquattordicenne.*

5. *Infondate sono le censure proposte nell'ottavo motivo, che contestano il diniego dell'attenuante della minore gravità del fatto, deducendo l'impropria valorizzazione della pluralità degli episodi, da ritenere non più di quattro.*

*Secondo la giurisprudenza, ai fini della configurabilità della circostanza attenuante del fatto di minore gravità, prevista dall'art. 609-bis, comma 3, c.p., deve farsi riferimento ad una valutazione globale del fatto, nella quale assumono rilievo i mezzi, le modalità esecutive, il grado di coartazione esercitato sulla vittima, le condizioni fisiche e mentali di questa, le caratteristiche psicologiche valutate in relazione all'età, in modo*

*da accertare che la libertà sessuale non sia stata compressa in maniera grave e che non sia stato arrecato alla vittima un danno grave, anche in termini psichici (cfr., per tutte, Sez. 3, n. 50336 del 10/10/2019, L., Rv. 277615-01).*

*La sentenza impugnata ha escluso l'attenuante del fatto di minore gravità valorizzando, in particolare, la reiterazione degli abusi nel tempo.*

*La conclusione indicata è corretta, sia perchè gli episodi sono molteplici, sia perchè dai fatti come ricostruiti in sentenza emergono molteplici connotazioni negative degli stessi, in particolare per l'invasività e per le conseguenze psichiche prodotte e che hanno spinto la vittima a compiere in più occasioni atti autolesivi."*

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Illi -Omissis- qed jigi akkuzat bl-imputazzjoni ta' korruzzjoni ta' minorenni sancit mill-Artikolu 203(1)(c) tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif kien vigenti qabel l-emenda tal-Att XIII tal-2018, dan l-Artikolu kien jghid is-segwenti:

> *"Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-età, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha:".*

Illi fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-**Professur Mamo** jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l-azzjoni penali. Fi kliemu jghid illi dana r-reat: *"deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual."* Kwindi l-ewwel element rikjest hija l-età tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioè l-ghemil zieni. *"Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest*

*of themselves or the person towards whom this action is directed."* Il-Professur Mamo jkompli jghid li *"this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence"*. Isostni wkoll illi: "*to take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilment and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."* Il-Professur Mamo jiddeskrivi dawn l-atti bhala: *"inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite."*

Fl-ahharnett it-tielet (3) element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qablux dwar il-fatt jekk minuri li digà huwa korrott jistax ikun soggett ghal koruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana r-reat, madanakollu l-qrati taghna dejjem sahqu illi l-fatt illi minuri ikun digà gie soggett ghal korruzzjoni ma

jeskludix il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu (ghalkemm mhux dan hu l-kaz in ezami). Ghal dak li jirrigwarda mbaghad il-*mens rea* rikjesta ghal kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni l-Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana r-reat: *"The defilment whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Illi certament ma jonqosx illi din il-Qorti f'dan il-kuntest tikkwota l-kaz per eccellenza ta' dan ir-reat deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali u cioè **Il-Pulizija vs Thomas Wiffen**, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano fejn gie deciz:

> *"Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for*

*the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Illi kif digà gie ritenut aktar 'il fuq f'din is-sentenza, gie ppruvat illi l-atti tal-korruzzjoni fuq il-minuri -Omissis- saru fuq perjodu ta' xhur bejn Mejju 2016 u Settembru 2016

fejn l-istess minuri ssemmi s-sajf ta' dik is-sena, u fejn tant illi dan gie manifestat ukoll fil-komportament tal-istess minuri u li tali atti hallew impatt psikologiku fuq l-istess. Illi m'hemmx dubju illi l-atti maghmulin mill-imputat fuq ohtu -Omissis- huma atti ta' natura sesswali li minn natura taghhom jikkorrompu persuna tal-età li kienet il-minuri meta dawn gew kommessi fuqha. Illi di più hemm l-element ta' biza' mill-minuri versu huha tant illi hija tghid illi dan kien ta' spiss isawwat sija lilha u anke lil hutha z-zghar. Dan il-fatt gie kkonfermat ukoll minn omm l-istess minuri. Gie kkonfermat ukoll il-fatt illi l-minuri kienet tkun ta' spiss wehidha mal-imputat fejn hutha l-ohrajn kienu jkunu l-iskola u l-kbar kienu jkunu qeghdin jghinu lil missierhom l-ghalqa.

## Ikkunsidrat

Illi l-imputat qed jigi wkoll akkuzat taht l-Artikolu 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li fiz-zmien meta twettaq l-allegat reat kien jghid hekk:

*"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija sa sentejn . . . ."*.

Illi minghajr ma toqghod tidhol f'aktar gurisprudenza jinghad illi l-atti maghmula mill-imputat versu ohtu jinkwadraw fid-definizzjoni ta' attivitajiet sesswali stante illi kienu atti li jinvolvu l-organi sesswali tal-partijiet. Ghalhekk dan ir-reat gie ppruvat.

**PIENA**

Illi ghalkemm ma hemmx dubju a rigward il-htija fuq l-imputat ta' xi whud mill-akkuzi, din il-Qorti ghamlet analizi approfondita a rigward il-piena li ghandha tigi erogata. Illi din il-Qorti hija konxja tal-fatt illi l-familja tal-imputat kienet wahda problematika u li hu kellu jiehu hsieb xi whud minn hutu, izda konxja tal-fatt ukoll illi huwa ttradixxa d-dover li kellu versu ohtu u minflok ha hsiebha bhala huwa l-kbir minflok ikkorrompha bl-aktar mod ikrah li l-minuri setghat tissubixxi. Illi l-Qorti hadet konjizzjoni tar-rapport tal-ufficjal tal-Probation izda fl-ebda istanza ta'

dan ir-rapport ma johrog xi sentiment min-naha tal-imputat (ghalkemm kellu d-dritt tas-silenzju) ta' xi emozzjoni jew rimors min-naha tieghu u ma harigx bl-ebda mod assolut ir-raguni ghaliex l-imputat agixxa b'dak il-mod. Ghal dawn il-motivi l-piena ser tkun wahda ta' prigunerija effettiva tenut kont però tal-aspett riformattiv u hija riflessa tal-pieni li kienu vigenti fiz-zmien meta r-reati gew kommessi.

Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-opinjoni li filwaqt li ghandha tirrakkomanda lill-awtoritajiet relattivi sabiex l-imputat jinghata l-opportunità mehtiega sabiex isegwi terapija necessarja skont kif indikat l-Ufficjal tal-Probation, ghandha xorta wahda tigi imposta piena ta' karcerazzjoni effettiva. Fuq kollox kif inghad fis-sentenza tal-Appell Kriminali (Inferjuri) per Imhallef Edwina Grima fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija v. Paschalino Cefai** (dec 29/11/18) fejn kien qed jigi kkwotat is-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene' sive Nazzareno Micallef** (28/11/2006):

> *"Ta' spiss gie osservat minn din il-Qorti, kemm fil-gurisdizzjoni taghha superjuri kif ukoll dik inferjuri, li fuq appell mill-piena hija bhala regola*

*ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti fic-cirkostanzi rizultanti kemm-il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-ewwel Qorti kienet b'xi mod "wrong in principle" jew "manifestly excessive"*

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir- riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas- socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.".*

L-istess Qorti tal-Appell fil-kawza ta' Cefai tkompli billi tghid is-segwenti:

> *"Illi l-artikolu 142(1) tal- Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:*
>
> *(a) the punishment of offenders;*
>
> *(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence);*
>
> *(c) the reform and rehabilitation of offenders;*
>
> *(d) the protection of the public;*
>
> *(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence."*

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 204C(1), 208AC(1)(b)(d)(e), 208AC(2)(a), 208B, 202(h)(2), 203(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-

imputat -Omissis- hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante li t-tieni (2) akkuza hija mezz ghal fini tal-ewwel (1) akkuza, tikkundannah ghal erba' (4) snin prigunerija. Il-Qorti wkoll tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament taht l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' sentejn (2). Liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment u a bazi tal-Artikolu 6 tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat -Omissis- jitpogga fir-Registru mwaqqaf a bazi ta' dan l-Att u konsegwentement tordna kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati ghall-annotazzjoni necessarja.

__________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**